MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 450/2013

**Matthew u Genevieve Astride, konjuġi Camilleri kemm personalment kif ukoll f'isem binthom minorenni Ines Camilleri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fl-10 ta' Mejju 2013 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrenti Matthew Camilleri u Genevieve Astride Camilleri, née Doger de Speville, huma l-ġenituri tat-tifla minorreni Ines Camilleri, li twieldet fl-24 ta' Diċembru tas-sena 2009 ġewwa l-isptar Mater Dei.

Illi kif jirriżulta mill-annessa kopja taċ-ċertifikat ta' twelid tal-imsemmija Ines Camilleri bin-numru ta' referenza 4379/2009 (Dok A), id-data tat-twelid tal-istess Ines Camilleri ġiet erronjament indikata bħala l-24 ta' "Novembru" 2009, minflok l-24 ta' "Diċembru" 2009;

Illi *trattandosi* ta' żball, ossija *lapsus calami*, fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi, ir-rikorrenti għandhom l-interess li dan l-iżball jiġi rettifikat biex b'hekk id-data tat-twelid tat-tifla tagħhom tiġi ndikata korrettement bħala l-24 ta' Diċembru 2009 fl-istess ċertifikat tat-twelid tagħha u f'kull ċertifikat, att u dokument ieħor maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti u / jew li jkun maħdum jew jiddependi mill-informazzjoni mniżżla fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi.

Illi l-esponenti ttentaw jirretifikaw l-imsemmi żball fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binthom Ines Camilleri billi jirrikorru għall-proċedura taħt l-Artikolu 257 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta iżda t-talba tagħhom ġiet riġettata peress illi *"l-korrezzjoni tal-kolonna 'Il-ħin, il-jum, ix-xahar u s-sena' ma taqax taħt it-Taqsima III tal-Iskeda tal-Kap 16"*, (ara Dok B annessa) u dan kif ġie osservat mill-konvenut stess. Għaldaqstant kellha ssir il-proċedura *de quo*.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lid-Direttur intimat sabiex jikkorreġi l-iżball fid-data tat-twelid tal-imsemmija tifla minorenni Ines Camilleri biex b'hekk id-data tat-twelid tagħha fl-istess ċertifikat tat-twelid u kull dokument u att ieħor maħruġ mill-konvenut u / jew li jkun maħdum abbażi tal-informazzjoni ndikata fl-istess att tat-twelid tiġi ndikata korrettement bħala l-24 ta' Diċembru 2009, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli jidhrilha opportun illi tagħti u, jekk ikun hemm bżonn, wara li tisma' x-xhieda hawn taħt indikati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa:
Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi mingħajr ħsara għas-suespost, l-atturi għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qiegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriserva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li l-atturi jindikaw taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi huma qiegħedin jorbtu l-proċeduri istanti;

Illi bla preġudizzju għas-suespost l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda żball li jista jkun attribwit lill-esponenti fl-Att tat-Twelid tat-tifla ta' l-atturi, u ċjoe' Ines Camilleri li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 4379 tas-sena 2009 (hawn anness u mmarkat bħala **Dok DPR1**) u dan tenut kont tas-segwenti raġunijiet:

Illi d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti Ines Camilleri saret mill-Missier Matthew Camilleri stess, fejn iddikjara li d-dettalji mniżżla fuq l-istess att huma korretti, u ċjoe' nklużi d-dettalji fil-kaxxa fejn jitniżżlu s-siegħa, jum, xahar u sena, li ġġib id-data tat-tlieta l-24 ta' Novembru 2009, bħala d-data tat-twelid tal-minuri Ines Camilleri. Hija l-prassi tar-Reġistru Pubbliku illi qabel ma' l-att jiġi reġistrat, dan jingħata lill-ġenituri sabiex jaraw li l-informazzjoni fl-att odjern ġirt imniżżla b'mod korrett.

Illi *inoltre*, fuq iċ-ċertifikat maħruġ mill-isptar Mater Dei *"Notification of Birth of a Baby"* (hawn anness u mmarkat bħala **Dok DPR2**) id-data tat-twelid tal-imsemmija minuri Ines Camilleri ġiet imniżżla bħala l-24 ta' Novembru 2009, u liema ċertifikat ġie ffirmat mill-*'Midwife'* kif ukoll minn omm il-minuri. Għalhekk ir-Reġistrazzjoni li saret fl-att tat-

twelid tal-minuri u konfermata mill-missier hi interament bbażata fuq dan iċ-ċertifikat uffiċjali tal-isptar. F'dan il-każ hawn in diżamina, l-esponenti segwa d-dettami tal-liġi, kif ukoll mexa mal-prassi uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku.

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat li n-nota preżentata mill-atturi, a fol 18, tal-proċess;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013 wara li xehdet Dr. Bridgitte Gafa' li kkonfermat mir-rekords tal-isptar id-data fattwali tat-twelid tal-minuri, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi nomine qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta ċar li sar l-iżball indikat mill-atturi u kwindi t-talba hija ġustifikata. Madankollu ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball, u allura ma għandhux ibati spejjeż. Il-Qorti lanqas tista' tippronunzja ruħha fuq dokumenti oħra kif qed jitolbu l-atturi, u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġja' msemmija.

**DEĊIŻJONI**

**Għaladqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kwantu riferibbilment biss għall-att tat-twelid tal-minuri msemmija.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------